C/2025/635

27.1.2025

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eżenzjonijiet użati minn Ċipru skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) 2023/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu

(C/2025/635)

Il-pubblikazzjoni tal-eżenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) 2023/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu (ir-Regolament FuelEU Maritime) [1] hija bbażata fuq l-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.

Ċipru nnotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tiegħu li juża l-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) 2023/1805 għall-bastiment elenkat hawn taħt:

L-isem tal-bastiment	Numru tal-IMO	Rotta koperta	Tip ta' servizz
DALEELA	9001306	Limassol (Ċipru) — Piraeus (il-Greċja)	Kuntratt ta' Servizz Pubbliku mogħti mill-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru għall-Istabbiliment ta' Link Marittimu tal-Passiġġieri bejn Ċipru u l-Greċja skont l-Obbligi ta' Servizz Pubbliku

[1] ĠU L 234, 22.9.2023, p. 48, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1805/oj.